9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 51**

**It-Tnejn, 6 ta' Ġunju 2022**

Il-Laqgħa numru 51 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fis-6 ta' Ġunju 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**51.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku nforma lill-membri li kien hemm ittri t'apoloġija tas-Sa Courtney Farrugia għax kienet indisposta.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**51.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-50 laqgħa ġew approvati unanimament wara li saru l-korrezzjonijiet.

**51.2.2 Korrezzjonijiet**

**51.1.2.1 – Minuta 50.5.9** minflokk ol-kelma "ukoll" issir "stampar tal-istatut".

**51.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**51.3.1** Minuta 50.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-intervista li kellha issir tas-Segretarju Eżekuttiv ma saritx minħabba li l-kandidata li kienet applikat ma baqgħetx interessata minħabba li sabet impjieg ieħor. F'dan ir-rigward ser terga' toħroġ is-sejħa mill-gdid u ser isir ukoll riklam fuq facebook fejn l-ispiża hi ta' €50.

**51.3.2** Minuta 50.3.7 – Is-Sindku informa lill-membri li l-attivita' karnivaleska saret u kienet wahda ta' suċċess. Is-Sur Joe Vella talab lis-sindku savbiex is-sena d-diehla jaħseb sabiex ikun hemm seating halli n-nies ikollhom fejn jistgħu ipoġġu.

**51.3.3** Minuta 50.4.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li il-Kunsill li għalqet is-sejħa sabiex tkun ingaġġata persuna għall-Assistent Principal Skala 11 minflokk Ms Deguara. Is-Sindku qal li hemm tlett aplikazzjonijiet fejn talab is-Segretarju sabiex il-bord jiltaqa' u jibdew isiru l-intervisti.

**51.3.4** Minuta 50.5.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li wara li l-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet sabiex tabell tal-isem tat-toroq jibdew isiru taċ-ċeramika jixtieq jirrimarku li dawn ser ikollhom l-istemma tal-Kunsill u għaldaqstant jekk 'il quddiem tinbidel l-istemma dawn ikunu jridu jinbidlu kollha.

Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex jiskatta l-process sabiex tinbidel l-istemma u informal is-Sur Silvio Vella sabiex jiltaqa' mal-Kumitat u jistieden lill-membri tal-Kunsill sabiex jibdew jaħdmu fuq id-disinn sabiex wara jkun jista' jiskatta l-process.

**51.3.5** Minuta 50.5.10 – Is-Sindku nfor06ma lill-membri li fuq it-talba sabiex fi Triq L-Imsida issir loading/unloading bay, il-Kunsill ġie nfurmat minn TM li it-talba tal-ħinijiet hija mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 06:30am sa 06:00pm is-Sibt bejn 06:30am u 02:00pm u l-Ħadd bejn 07:00am sa 11:00am.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex il-permess jingħata mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 08:00am u 12:00pm.

**51.3.6** Minuta 50.6.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li fiż-żmien il-festa jkun hemm pulizija extra. Apparti minn dan il-Kapillan informal is-Sindku li ser ikollu attivita' relatata mal-festa u jixtieq li l-Kunsill jipprovdi l-barriers u l-ġarr tagħhom. Il-Membri ma sabux oġġezzjoni. Is-Sindu qali ukoll li l-lejla Palmista ġiet kanċellata,

**51.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-sindku nofrma lill-membri li ma kellux kommunikazzjoni li jrid ipoggi fuq il-mejda waqt din il-laqgħa.

## 51.5 Rapporti / Korrispondenza

**51.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Għaqda Festi Esterni Santa Venera talbu lill-Kunsill sabiex issir tappiera quddiem iċ- Ċentru Parrokkjali Triq il-Kbira San Guzepp sabiex tintuża fi żmien il-festa.

Wara diskussjoni l-Membri qablu unanimament sabiex issir din it-tappiera izda jiddependi jekk il-kuntrattur hux ser ilahhaq jgħamilhom. Filkas isir min-naħa tghhom u l-Kunsill iħallas biss għat-tappiera

**51.5.2** Is-sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ircieva korrispondenza sabiex issir infjorita f'Santa Venera. Is-Sindku ssuġerrixxa sabiex din issir nhar Jum Santa Venera fl-14 ta' Novembru f'Misraħ Santa Venera u ssir l-istemma tal-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu sabiex issir u li jinġiebu tlett kwotazzjonijiet.

**51.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sa Sephora Borg sabiex fi żmien is-sajf isiru lezzjonijiet tal-arti fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex dawn isiru l-Ħamis filgħodu b'donazzjoni ta' €50 kull darba apparti li jrid jkollna aktar informazzjoni dwar it-tindif wara li tintuza l-kamra.

**51.5.4.** Is-Sindku nofrma lill-membri li waslet talba mingħand l-Għaqda tan-Nar 28 ta' Lulju sabiex il-Kunsill njorganizza serata ta' Għana nhar il-15 ta' Lulju 2022. Is-Sindku nforma lill-membri li hu ma kienx ser jipparteċipa f'din id-diskussjoni minħabba li hu l-President tal-istess għaqda.

F'dan ir-rigward il-kumplament tal-membri ddiskutew fuq din it-talba u kien hemm qbil unanimu sabiex din l-attivita ssir mill-Kunsill fejn ġew allokati €2K għal din l-aattvita'.

**51.5.5.** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba għan-no objection mingħand Santa Venera Lightnings FC sabiex isir BBQ fit-28 ta' Ġunju 2022 ħdejn is-sede fi Triq il-Qalb Imqaddsa c/w Triq il-Kbira San Guzepp fejn qed jitolbu sabiex it-triq tingħalaq 12:00pm sa 03:00am.

Wara diskussjoni l-membri qablu li l-Kunsill joħroġ no objection li tkun valida biss hekk kemm il-darba ssir applikazzjoni mal-Pulizija fuq mwejjed u siġġijiet, ikun hemm clerence tal-karozzi u jinġieb riklam li it-triq ser tkun magħluqa fuq il-Govt. Gazzette. Apparti hekk il-pulizija jridu jgħatu no objection biex it-triq tingħalaq skont it-talba tagħhom.

**51.5.6** Is-Sindku nfroma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand BCRS Malta Ltd li huma l-operaturi ewlenin tal-iskema tar-refond tal-Beverage Container. Dawn qed jitolbu sabiex din il-magna tigi installat fi Triq l-Isportivi.

Wara diskussjoni l-membri qablu unaniament,

**51.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq sabiex issir estensjonijiet ta' Triq il-Palazz l-Aħmar. Il-Kumitat iħoss li l-aħjar soluzzjoni tkun li tiġi pprolungata Triq il-Palazz l-Aħmar u twassal sa k/m Triq in-Negozju li parti minnha taqa' taħt is-Central Business District f'Birkirkara.

Il-Membri qablu unanimament

**51.5.8**. Is-Sindku informa lill-membri li ser ikunu nstallati ic-*charging pillars* li l-Kunsill kien ha deċiżjoni fuqhomfl-laqghat preċedenti. Dawn ser ikunu nstallati fi triq Guza Pace k/m Triq Abela u fi triq Dun Alfred Gatt k/m Triq L-Istitut Bonnici

Il-membri qablu unanimament.

**51.5.9** Is-Sindku nofrma lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sa Josette Zerafa sabiex għal Jum l-Anzjani, fis-27 ta' Lulju 2022, issir attivita u għaldaqstant kien suġġerit sabiex il-Kunsill jipprovdi entertainment. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex nghidlu lid-duo Walter u Charels.

Fl-istess hi s-Sur Silvio Vella talab sabiex dawn jingiebu wkoll ghall-attivita' li ser issir lill-anzjani fi`-¬entru ta' Matul il-Jum. Il-Membri qablu unanimament.

## 51.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 51.6.1 *Traffic Management* Triq Adelide Cini/Triq Romeo Romano

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-fatt li qed jitlesta x-xoghol ta' Triq Adelide Cini u għaldaqstant peress li it-Triq hija dejqa hemm bzonn li jsir traffic managemejisbukkaw fi Triq l-Imsida.

Il-Membri qablu unanimament u wara diskussjoni ġie deċiż sabiex tintbagħat ittra bis-site plan lir-residenti tal-akwara u wara ninfurma lil Transport Malta.

### 51.6.2 *Traffic Management* Triq San Ġorp/Triq Salvinu Spiteri

Is-Sindku ppropona sabiex isir traffic management gdid fi triq San Ġorġ u Triq Salvinu Spiteri in-naha tal-Peak insurance fejn it-traffiku jinzel minn fejn il-Peak Insurance għal ġewwa Triq San Ġorġ u jdur lejn Triq Salvinu Spiteri.

Wara diskussjoni l-membri ma qablux kollha u għaldaqstant ġie deċiz sabiex il-Kunsill jikkonsulta mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto.

### 51.6.3 Linja Gwida – Ġieħ u Mertu Santa Venera -Riveduti

Is-Sindku nofrma lill-membri li saret il-laqgħa dwar il-Gieh u Mertu Santa Venera fejn ġew diskussa t-tibdil li hemm bzonn isiru. Waqt il-laqgħa ħareġ car li hemm bzonn li ssir distinzzjoni bejn il-Ġieħ Santa Venera u l-Mertu Santa Venera. Fejn ġie ssuġġerit ukoll sabiex il-Gieħ ikun iddedikat lil xi ħadd li jkun għamel gieh lill-lokalita'.

Is-Sindku qali li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser jippreżenta l-emendi ssuġġeriti.

### 51.6.4 Proġett Misraħ il-Kebbies

Is-Sindku nforma lill-membri dwar diskussjoni li kellu mal-Ministeru tal-Ambjent u tibdil fil-klima sabiex isir proġett f'Misrah il-Kebbis. Huwa qal li dan il-proġett irid ikun amalgamate mal-progett tat-tisqif tal-mina. Huwa qal li Misrah il-Kebbies jiġi pedonali u jsir excavation taħt l-art u l-karozzi joħorgu minn Triq il-Fanali (ħdejn PN club). Huwa stmat li dan il-progett ikun jiswa madwar €2.2 million. Il-Ministru konċernat Miriam Dalli tablet sabiex il-Kunsill ikollu boq tal-progett u nipprezentawilha.

Il-Membri qablu unanimament sabiex lill-Perit tal-Kunsill nitolbuh *High level Estimate* quote sabiex l-ispiza ma tkunx għolja.

## 51.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**51.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Silvio Vella u Sekondant: Is-Sa Roberta Sultana

Membri qablu b'mod unanimu sabiex pagament Nru 280 u Pagament Nru 282 isir aktar tard meta itlesta x-xogħol.

## 51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

## 51.9 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

Mistoqsijiet mis-Sur Joe Vella

51.9.1 Jista' s-Sindku jinforma jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema mill-Ministeru tal-Ambjent bl-isem "Urgan Green Scheme 2022" ġietx aċċettata.

**Is-Sindku nforma li propju ġejna nfurmati fis-27 ta' Mejju 2022 li l-applikazzjoni taġġne ma ġietx milqugħa liema decizzjoni qed tiġi kkontestata.**

51.9.2 Jista' s-Sindku jinforma jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-bdil tat-tapit tal-playground Guze Flores fi Triq il-Parroċċa.

**Is-Sindku wieġeb li nfurmat li t-tapit ġie ordnat minn kumanija partikulari u għaldaqstant ser ikun fil-proċess li jiġi nstallat.**

51.9.3 Jista’ s-Sindku jinforma jekk kienx hemm aktar taħdidiet mal0impjegati tal-Kunsill rigward tibdilfil-ħinijiet tal-Ufficcju.

**Lill-ħaddiema ġiet ikkommunikata magħhom id-deċizjoni li ttieħdet fil-laqgħa tal-Kunsill liema deċiżjoni hija aħħarija.**

51.9.4 Jista’ s-Sindku jinforma jekk kellux taħdidiet rigward żvilupp ppjanat (PC0079/21) mal-Kunsill Lokali ta’ B’Kara u mal-perit tal-Kunsill tagħna

**Id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali kienet li jsir komunikat mal-Kunsill ta’ B’Kara dwar liema deċiżjoni ġiet osservata b’korrispondenza li ntbgħatet direttament lill-istss Sindku fil-11 ta’ Frar 2022 u li iżda ma kellniex rispons fuha.**

51.9.5 Jista’ s-Sindku jinforma jekk kienx hemm residenti li kienu interessati biex jattendu għall-korsijiet Health & Safety & Fire Prevention organizzati flimkien mal-HSFP.

**Is-Sindku qal li sfortunatament ma kien hemm l-ebda rispons min-naħa tar-residenti u għaldaqstant dan il-kprs kien ġie kanċellat.**

## 51.10 Ilmenti

**51.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 339 | Transport Malta |
| 346 | Ħaddiema Assenjati |
| 356 | Ħaddiema Assejnati |
| 367 | Contracts Manager |
| 371 | Contracts Manager |
| 374 | Logografix |
| 375 | Logografix |
| 381 | B Grima & Sons |
| 382 | Issir privata |
| 385 | Għal limea reġuni qed tintalab |
| 389 | B Grima & Sons |
| 395 | Titnaqqas double yellow line u tidħol hemm |
| 396 | Transport Malta |
| 401 | Contracts Manager |
| 402 | 2. Ħaddiema Assenjati<br>3. Contracts Manager |
| 405 | Contracts Manager |
| 413 | Transport Malta |
| 420 | 1. Ghada mhux imqabda<br>2. Ħaddiema Assenjati |
| 421 | Contracts Manager |

| | |
|---|---|
| 423 | Issir MC Bay fi Triq il-Brinzar herr kif tinzel minn Triq in-Nagħal |
| 426 | Le ma titax issir |
| 427 | Transport Malta |
| 435 | Ħaddiema Assejnati |
| 436 | Trid tkun identifikata liema blokka |
| 437 | Contracts Manager |
| 443 | Ma tistax issir |
| 446 | Għal liema reguni qed tintalab |
| 447 | Tingabar petizzjoni skont il-policy |
| 449 | Ma tistax issir |
| 451 | Jrkk titneħħa minn hemm iridu jitneħħew kollha* |
| 453 | Contracts Manager |
| 455 | Saret diga |
| 299 | Contracts Manager |

*Is-Sindku qal li jekk jitneħħew l-iskips il-problema ser tikber aktar għax l-iskart jibda jintefa kollu fit-triq. Il-Vici Sindku qal li l-ahjar li jitneħħew.

Wara diskussjoni ittiehed vot fejn is-Sindku ippropona sabiex l-iskips jizdiedu għal tnejn minflokk waħda.

Vot kontra u 5 Voti favur fuq il-proposta tas-Sindku.

## 51.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-8.20 pm u ġiet aġġornata għall-11 ta’ Lulju 2022, fil-5.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv